REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/384

tat-2 ta' Marzu 2017

li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X, OVI-X, OVI-Y u RUM u l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti ungulati u ta' laħam frisk

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) u (4) u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(e), u l-Artikolu 13(1)(e) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([3]) jistabbilixxi, fost oħrajn, ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali ħajjin, inklużi kunsinni ta' ungulati. Il-Parti 1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom minn fejn dawn il-kunsinni jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi għal kunsinni bħal dawn minn ċerti pajjiżi terzi.

(2) Il-parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 tistabbilixxi mudell ta' ċertifikat veterinarju għal annimali bovini domestiċi (inklużi l-ispeċi *Bubalus* u Bison u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tgħammir u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni (BOV-X), għal annimali ovini u kaprini domestiċi (*Ovis aries* u *Capra hircus*) maħsuba għat-tgħammir u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni (OVI-X), għal annimali ovini u kaprini domestiċi (*Ovis aries* u *Capra hircus*) maħsuba għall-qtil immedjat wara l-importazzjoni (OVI-Y) u għal annimali tal-ordni Artiodactyla (minbarra annimali bovini (inklużi l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom), *Ovis aries*, *Capra hircus*, *Suidae* u *Tayassuidae*), u tal-familji *Rhinocerotidae* u *Elephantidae* (RUM). Dawk iċ-ċertifikati jinkludu garanziji għall-marda tal-bluetongue li hija marda virali tar-ruminanti li ma titteħidx u tiġi trażmessa minn ċerti speċi tal-pappamoski *Culicoides*.

(3) Parti mit-territorju tal-Kanada (CA-1) hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 bħala awtorizzata għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali ungulati skont il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X, OVI-X, OVI-Y u RUM.

(4) Il-Kanada talbet li tiġi rikonoxxuta bħala staġjonalment ħielsa mill-marda tal-bluetongue. Għal dak l-għan, il-Kanada pprovdiet informazzjoni li turi li l-kundizzjonijiet tat-temp fil-Kanada, bejn l-1 ta' Novembru u l-15 ta' Mejju, ma jippermettux iċ-ċirkolazzjoni tal-ispeċi *Culicoides* li jistgħu jittrażmettu l-vajrus tal-marda tal-bluetongue.

(5) L-informazzjoni pprovduta mill-Kanada hija konformi mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) biex turi li hija staġjonalment ħielsa mill-marda tal-bluetongue kif ukoll mar-rekwiżiti tal-Unjoni ([4]) li japplikaw għall-movimenti ta' annimali suxxettibbli fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kanada tingħata r-rikonoxximent tal-istatus staġjonalment ħielsa mill-marda tal-bluetongue b'perjodu ħieles mill-marda tal-bluetongue bejn l-1 ta' Novembru u l-15 ta' Mejju.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37).

(6) Ir-reġjonalizzazzjoni attwali tal-Kanada fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 tirrifletti li parti biss mill-Kanada ġiet milquta mill-marda tal-bluetongue. Madankollu, billi l-istatus staġjonalment ħieles huwa applikabbli għat-territorju kollu tal-Kanada, jenħtieġ li titħassar id-distinzjoni bejn iż-żoni.

(7) Għaldaqstant, il-lista stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jenħtieġ li tiġi emendata sabiex tiġi stabbilita l-kundizzjoni speċifika għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti annimali ungulati li huma suxxettibbli għall-marda tal-bluetongue, minn pajjiż jew territorju bi status staġjonalment ħieles mill-marda tal-bluetongue u, barra minn hekk, ir-rikonoxximent ta' tali status ta' ħelsien għall-Kanada b'perjodu ħieles mill-marda tal-bluetongue bejn l-1 ta' Novembru u l-15 ta' Mejju. Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X, OVI-X, OVI-Y u RUM stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġu introdotti l-attestazzjonijiet rilevanti tas-saħħa tal-annimali għal annimali li joriġinaw minn pajjiż jew territorju staġjonalment ħieles mill-marda tal-bluetongue.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-annotazzjoni għall-Bangladesh fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jenħtieġ li titħassar minħabba li ma baqgħetx tapplika fis-17 ta' Awwissu 2015.

(9) Fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, il-garanzija supplimentari A tirreferi għal ċerti punti fil-mudell taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X, OVI-X u RUM. Billi dawk ir-referenzi ma jirreferux għall-punti korretti fiċ-ċertifikati, jenħtieġ li dan jiġi emendat għal raġunijiet ta' ċarezza.

(10) Barra minn hekk, fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju OVI-Y, l-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-punt II.2.6 dwar l-iskrapie hija skaduta u jenħtieġ li tiġi emendata b'mod li tissodisfa r-rekwiżiti għall-importazzjonijiet ta' annimali ovini u kaprini stipulati fil-Kapitolu E tal-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' ċerti annimali ungulati. Il-Parti 1 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom minn fejn dawn il-kunsinni jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni, kif ukoll il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji li jikkorrispondu mal-kunsinni kkonċernati u l-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-introduzzjoni minn ċerti pajjiżi terzi.

(12) Il-Bożnija-Ħerzegovina talbet li tkun awtorizzata tagħmel tranżitu ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi mill-Bulgarija, biex tesporta dan il-laħam frisk tal-bovini lejn it-Turkija. Il-Bożnija-Ħerzegovina hija diġà elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk. Għall-annotazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina f'dik il-lista, il-mudell speċifiku taċ-ċertifikat veterinarju għall-introduzzjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi (BOV) mhuwiex stipulat, għalhekk tali tranżitu mill-Unjoni jew l-importazzjoni fl-Unjoni bħalissa mhuwiex awtorizzat.

(13) Il-Bożnija-Ħerzegovina hija rikonoxxuta mill-OIE bħala pajjiż ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim ([2]) u għaldaqstant tikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi għas-saħħa tal-annimali għall-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi mill-Bożnija-Ħerzegovina, iżda din għandha tkun limitata biss biex tippermetti t-tranżitu ta' tali laħam frisk mill-Bulgarija lejn it-Turkija.

(14) L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 bħala pajjiż awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini domestiċi u annimali solipedi domestiċi. L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja talbet li tiġi awtorizzata tintroduċi fl-Unjoni laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi. Billi dak il-pajjiż diġà jipprovdi garanziji suffiċjenti tas-saħħa tal-annimali, din jenħtieġ li l-introduzzjoni tiġi awtorizzata.

(15) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jiġu emendati kif xieraq.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

([2]) http://www.oie.int/en/animal-health-in-the-world/official-disease-status/fmd/list-of-fmd-free-members/

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi I u II mar-Regolament (UE) Nru 206/2010 huma mmodifikati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) tiħassar l-annotazzjoni għall-Bangladesh;

(ii) tiħassar in-nota f'qiegħ il-paġna (*******);

(iii) l-annotazzjoni għall-Kanada tinbidel b'dan li ġej:

"CA — il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	POR-X, BOV-X, OVI-X, OVI-Y, RUM (**)		**IVb** **IX** **V** **XIII** (******)"

(iv) in-nota f'qiegħ il-paġna (******) tinbidel b'dan li ġej:

"(******) il-Kanada: il-perjodu staġjonalment ħieles mill-bluetongue huwa bejn l-1 ta' Novembru u l-15 ta' Mejju, skont il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE.";

(v) f'*Kundizzjonijiet Speċifiċi*, tiżdied il-kundizzjoni speċifika "XIII" li ġejja:

"'**XIII**': it-territorju huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bluetongue għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' annimali ċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X, OVI-X, OVI-Y jew RUM."

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fil-*GS (Garanziji supplimentari)*, il-garanzija supplimentari "A" tinbidel b'dan li ġej:

"'**A**': garanziji dwar testijiet għall-bluetongue u għall-marda Epiżootika emorraġika fuq annimali ċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikati veterinarji BOV-X (il-punt II.2.1(d)), OVI-X (il-punt II.2.1.(d)) u RUM (il-punt II.2.1.(c))."

(ii) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV-X jinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Mudell BOV-X**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
			I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.			I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO
			I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz			I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni			I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' transport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji			I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
			I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott			I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS): **01.02**	
			I.20. Kwantità	
I.21.			I.22. Għadd ta' imballaġġi	

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner	I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Tgħammir ☐ Tismin ☐	
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Sistema tal-identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin minnażjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kull projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għal dawn l-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloża, għal dawn l-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għal dawn l-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minnażjendi li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2. ma rċevewx:

— xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi,

— xi sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva 96/22/KE);

II.1.3. fejn jikkonċerna l-enċefalopatija bovina sponġiformi (BSE):

(1) (2) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti I tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (3) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti II tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (4) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ttraċċati lura sal-omm u l-merħla tal-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-punt (4)(b)(iv) tal-Parti II tal-Kapitolu C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu mill-anqas sentejn wara d-data meta ġiet infurzata effettivament il-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u gambali (greaves) derivati minn ruminanti jew wara d-data tat-twelid tal-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf].

II.2. Attestazjoni tas-Saħħa tal-Annimali:

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: .....(5) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(1) *jew* [(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]

(1) *jew* [(a) ilu meqjus ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ..... (jj/xx/ssss), mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) …/… ta'..... (jj/xx/ssss)]

(b) ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mid-deni Rift valley, il-plewropnewmonja tal-bovini li tittieħed, mill-marda tal-infafet fil-ġilda u l-marda epiżotika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vexxikulari,

(c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejjem domestiċi bid-difer mifrud mlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permessi;

(1) *jew* [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]

(1) (9) *jew* [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali rreaġixxew negattivament għal test seroloġiku għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ..... (jj/xx/ssss) u fi ..... (jj/xx/ssss), fejn t-tieni kampjun għandu jkun ittieħed fil-perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni;]

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(1) *jew* [(d) ma ilux ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattivat, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kontra s-serotip/i tal-bluetongue kollha ... (daħħal is-serotip/i) li huma dawk preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' programm ta' sorveljanza (12) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar l-ażjenda/i tal-oriġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]

(1) (13) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles, mit-twelid jew għal mill-anqas 60 jum qabel id-dispaċċ;]

(1) (13) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 28 jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-OIE għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue, imwettaq tal-anqas 28 jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

(1) (13) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 14-il jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test PCR għall-virus tal-bluetongue skont il-Manwal tal-OIE, imwettaq tal-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

II.2.2. baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew tal-inqas għal dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġew f'kuntatt, f'dawn l-aħħar 30 jum, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati;

II.2.3. baqgħu minn twelidhom, jew tal-inqas għall-40 jum qabel ma ntbagħtu fl-ażjenda(i) tal-oriġini deskritta(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11:

(a) f'żona b'raġġ ta' 150 km jew madwarha, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epiżotika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel,

(b) f'żona b'raġġ ta' 10 km, jew madwarha, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tar-rinderpest, tad-deni Rift Valley, tal-bluetongue, tal-plewropulmonite bovina li tittieħed, tal-marda tal-infafet fil-ġilda u, tal-istomatite vexxikulari matul l-40 jum ta' qabel;

II.2.4. mhumiex annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);

II.2.5. ġejjin minn merħliet li mhumiex ristretti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha x'taqsam mal-eradikazzjoni tat-tuberkoloż, il-bruċelloż u l-lewkoż enzootika bovina;

II.2.6. ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloż (6) (6b);

u (1) (7) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloż (6);]

(1) *jew* [ġew soġġetti għal test intradermali tat-tuberkulina (8) li sar b'riżultati negattivi fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;]

(1) *jew* [għandhom inqas minn sitt ġimgħat;]

II.2.7. ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċelloż u ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (6);

u (1) (7) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloż (6),]

(1) *jew* [ġew soġġetti għal tal-inqas test wieħed għall-bruċelloż bovina (8) li sar fuq kampjuni li ttieħdu fl-aħħar 30 jum qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni,]

(1) *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar,]

(1) *jew* [huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età;]

(1) *jew* [II.2.8. ġejjin minn merħliet inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkoż enzootika bovina, u li fihom ma kien hemm l-ebda evidenza klinika jew b'riżultat ta' test tal-laboratorju ta' din il-marda matul is-sentejn li għaddew,]

(1) *jew* [II.2.8. ġejjin minn merħliet rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mil-lewkoż enzootika bovina (6) (6a),]

u (1) (7) *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mil-lewkoż enzootika bovina (6);]

(1) *jew* [ġew soġġetti għal test individwali għal-lewkoż enzootika bovina (8) li sar b'riżultat negattiv fuq kampjuni li ttieħdu fl-aħħar 30 jum qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;]

(1) *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar,]

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.9. Dawn huma/kienu ([1]) mibgħuta mill-ażjenda(i) tagħhom tal-oriġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq:

([1]) *jew* [direttament lejn l-Unjoni,]

([1]) *jew* [lejn iċ-ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1,]

u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tas-saħħa kif deskritt f'dan iċ-ċertifikat,

(b) ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe marda msemmija fil-punt II.2.1.;

II.2.10. kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;

II.2.11. ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.12. tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil- ..... (jj/xx/ssss) ([10]) fil-mezzi tat-trasport, deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 li tnaddfu u kienu diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jistgħux inixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.

II.3. Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.

([1]) ([11]) [**II.4. Rekwiżiti Speċifiċi**

II.4.1. Skont informazzjoni uffiċjali, ma ġiet irreġistrata l-ebda evidenza klinika jew patoloġika tar-rinotrakeite bovina infettiva (IBR) fl-ażjenda tal-oriġini msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.11, għall-aħħar 12-il xahar;

II.4.2. l-annimali msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.28:

(a) kienu iżolati fl-akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjatament qabel ma ntbagħtu għall-esportazzjoni,

(b) kienu soġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq sera li ttieħdu mill-inqas 21 jum wara li ġew iżolati, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl-iżolament ukoll irriżultaw negattivi għal dan it-test

(c) ma tlaqqmux kontra l-IBR.]

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali bovini ħajjin (inkluż l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tnissil u/jew għall-produzzjoni.

Wara l-importazzjoni l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn l-ażjenda tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ċaqliq ieħor barra mill-ażjenda, ħlief f'każ li jintbagħtu lejn biċċerija.

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.13: Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk ikun hemm, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Kaxxa ta' referenza I.28: Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimali għandu jkollhom:

Numru individwali li jippermetti t-traċċar tal-ażjenda tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema tal-identifikazzjoni (bħalma huma lametta, tatwaġġi, marka, ċippa, transponder).

Lametta mal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.

Speċijiet: Agħżel minn fost '*Bos*', '*Bison*' u '*Bubalus*' skont il-każ.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess: (M = maskili, F = femminili, C = kastrati).

Razza: agħżel razza pura, razza mħallta.

Parti II:

([1]) Żomm kif xieraq.

([2]) Jekk l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew f'reġjun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([3]) Jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini jkun ikkategorizzat biss skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju kkontrollat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([4]) Jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini ma jkunx ikkategorizzat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 biss jew ġie kkategorizzat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju mhux determinat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([5]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([6]) Reġjuni u merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi/mill-bruċelloża kif stabbilit fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE; u reġjuni u merħliet ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE.

([6a]) Għall-merħliet uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina biss rikonoxxuti bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness D tad-Direttiva 64/432/KEE għall-iskop tal-esportazzjonijiet lejn l-UE ta' annimali ħajjin skont iċ-ċertifikat mudell BOV-X mit-territorju li, fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jidher bl-annotazzjoni '**IVb**' fir-rigward tal-lewkoża enzootika bovina.

([6b]) Għal territorju li għandu l-annotazzjoni '**XII**' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 biss li jindika li meħliet bovini ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi huma rikonoxxuti abbażi ta' kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Anness A.I tad-Direttiva 64/432/KEE għal finijiet ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' annimali ħajjin iċċertifikati skont il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju BOV-X.

([7]) Għal territorju li, fil-kolonna 6 tat-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jidher biss bl-annotazzjoni '**II**', fir-rigward tat-tuberkulożi, '**III**', fir-rigward tal-bruċelloži, u/jew '**IVa**' fir-rigward tal-lewkoži enzootika bovina.

([8]) It-testijiet li saru skont il-protokolli li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([9]) Il-garanziji supplimentari li għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ fil-kolonna 5 'GS' tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni '**A**'.

Testijiet għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PAJJIŻ **Mudell BOV-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([10]) Data tat-tagħbija. Ma għandhomx ikunu permessi l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-pajjiż terz, mit-territorju jew minn parti minnu kif msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.

([11]) Meta meħtieġ mill-Istat Membru tal-UE tad-destinazzjoni jew mill-Iżvizzera, skont id-Deċiżjoni 2004/558/KE u skont il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

([12]) Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.)

([13]) Għal territorju li jkollu l-annotazzjoni '**XIII**' biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li tindika status uffiċjali staġjonalment ħieles mill-bluetongue. Skont il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, il-perjodu staġjonalment ħieles huwa meħud li jieqaf immedjatament jekk id-dejta klimatika attwali jew id-dejta mill-programm ta' sorveljanza tindika rekrudexxenza kmieni tal-attività ta' Culicoides adulti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:"

Timbru:

(iii) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju OVI-X jinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Mudell OVI-X**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
			I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.			I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz			I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni			I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' transport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji			I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
			I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott			I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS):	
				I.20. Kwantità
I.21.				I.22. Għadd ta' imballaġġi

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner	I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Tgħammir ☐ Tismin ☐	
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Sistema tal-identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess

PAJJIŻ **Mudell OVI-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin minn ażjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloża, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn irziezet li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2. ma rċevewx:

— xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi,

— xi sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva 96/22/KE);

II.2. Attestazjoni tas-Saħħa tal-Annimali:

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: .....([1]) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

([2]) *jew* [(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]

([2]) *jew* [(a) ilu meqjus ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ..... (jj/xx/ssss), mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' ..... (jj/xx/ssss)]

(b) kien ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mir-Rift valley fever, mill-peste des petits ruminants, mill-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropulmonite tal-annimali kaprini li tittieħed u mill-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,

(c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejjem domestiċi bid-difer mifrud imlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permessi;]

([2]) *jew* [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]

([2]) ([7]) *jew* [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali rreaġixxew negattivament għal test seroloġiku għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ..... (jj/xx/ssss) u fi ..... (jj/xx/ssss), fejn t-tieni kampjun għandu jkun ittieħed fil-perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni;]

([2]) *jew* [(d) ma ilux ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattivat, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kontra s-serotip/i tal-bluetongue kollha ..... (daħħal is-serotip/i) li huma dawk preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' programm ta' sorveljanza ([9]) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar l-ażjenda/i tal-oriġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]

([2]) ([10]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles, mit-twelid jew għal mill-anqas 60 jum qabel id-dispaċċ;]

([2]) ([10]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 28 jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-OIE għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue, imwettaq tal-anqas 28 jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

([2]) ([10]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 14-il jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test PCR għall-virus tal-bluetongue skont il-Manwal tal-OIE, imwettaq tal-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

II.2.2. baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew tal-inqas għal dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġew f'kuntatt, f'dawn l-aħħar 30 jum, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati;

PAJJIŻ **Mudell OVI-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.3. baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għal 40 jum fl-ażjenda(i) agrikola(i) deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11 qabel id-dispaċċ:

(a) fejn fiha/om u madwarha/om, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epiżotika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u

(b) fejn fiha/om u madwarha/om, f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tar-rinderpest, tad-deni Rift valley, tal-peste des petits ruminants, tal-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, tal-plewropnewmonja tal-annimali kaprini li tittieħed u tal-istomatite vesikulari matul l-40 jum ta' qabel;

II.2.4. safejn naf jien u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, l-annimali:

(a) mhumiex ġejjin minnażjendi agrikoli, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minnażjendi agrikoli, li fihom instabu s-sinjali kliniċi tal-mard li ġej:

(i) agalactia kontaġġjuża tan-ngħaġ jew tal-mogħoż (kolonja kbira ta'*Mycoplasma agalactiae*, *Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides*), fl-aħħar sitt xhur,

(ii) paratuberkuloži u limfadenite ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,

(iii) adenomatoži pulmonarja, fl-aħħar tliet snin, u

(iv) Maedi/Visna jew artrite/enċefalite virali kaprina:

([2]) *jew* [matul dawn l-aħħar tliet snin,]

([2]) *jew* [fl-aħħar 12-il xahar, u l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien baqa', sussegwentement irreaġixxew negattivament għaż-żewġ testijiet li sarulhom b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur bejniethom,]

(b) huma inklużi f'sistema uffiċjali għan-notifikazzjoni ta' dan il-mard, u

(c) kienu ħielsa minn evidenza klinika jew evidenza oħra ta' tuberkuloži u bruċelloži matul it-tliet snin ta' qabel l-esportazzjoni;

II.2.5. mhumiex annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);

II.2.6. joriġinaw:

([2]) ([3]) *jew* [mit-territorju deskritt fil-kaxxa bin-numru ta' referenza I.8, li ġie rikonoxxut uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži;]

([2]) *jew* [Mill-ażjenda(i) agrikola(i) deskritt(i) skont il-kaxxa bin-numru ta' referenza I.11, fejn, fir-rigward tal-bruċelloži (*Brucella melitensis*):

(a) l-annimali kollha suxxettibbli kienu ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjal ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar,

(b) għadd rappreżentattiv ta' annimali ovini u kaprini domestiċi li għandhom iktar minn sitt xhur jitressqu kull sena għal test seroloġiku, ([4])]

([2]) ([5]) *jew* (c) l-annimali ovini jew kaprini domestiċi kollha ma tlaqqmux kontra din il-marda, minbarra dawk li tlaqqmu bil-vaċċin Rev. 1 iktar minn sentejn ilu;

(d) l-aħħar żewġ testijiet ([6]), separati minn xulxin b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur, saru fil- ..... (jj/xx/ssss) u fil-..... (jj/xx/ssss) fuq l-annimali ovini u kaprini domestiċi kollha li għandhom iktar minn sitt xhur taw riżultati negattivi, u]

([2]) *jew* (c) l-annimali ovini u kaprini domestiċi ta' taħt is-7 xhur tlaqqmu kontra din il-marda bil-vaċċin Rev. 1;

(d) l-aħħar żewġ testijiet ([6]), separati minn xulxin b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur, saru:

fil-..... (jj/xx/ssss) u fil- ..... (jj/xx/ssss) fuq l-annimali ovini u kaprini domestiċi kollha mhux imlaqqma li għandhom iktar minn sitt xhur, u fil-..... (jj/xx/ssss) u fil-..... (jj/xx/ssss) fuq l-annimali ovini u kaprini domestiċi kollha li għandhom iktar minn 18-il xahar taw riżultati negattivi, u]

(e) hemm biss annimali ovini u kaprini domestiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' hawn fuq;

PAJJIŻ **Mudell OVI-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2]) [II.2.7. l-imtaten mhux ikkastrati nżammu kontinwament matul is-60 jum ta' qabel, f'ażjenda agrikola fejn ma ġie ddijanjostikat l-ebda każ ta' epididimite li tittieħed (*Brucella ovis*) fl-aħħar 12-il xahar u, matul it-30 jum ta' qabel, lil dawn l-imtaten sarilhom test ta' fissazzjoni tal-komplement biex jindividwa l-epididimite li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 IU/ml;]

II.2.8. inżammu kontinwament mit-twelid fil-pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iscrapie klassika trid tiġi notifikata b'mod obbligatorju;

(b) hemm stabbilita sistema ta' għarfien, sorveljanza u monitoraġġ tal-iscrapie klassika;

(c) l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jiġu meqruda kompletament;

(d) l-għalf lill-annimali ovini u kaprini ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qrieqeċ li joriġinaw minn ruminanti huwa pprojbit u l-projbizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin, u

([2]) *jew* [II.2.8.1 l-annimali huma maħsuba għall-produzzjoni u huma ddestinati għal Stat Membru minbarra dawk bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvati skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew minbarra dawk li huma elenkati fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandhom programm nazzjonali ta' kontroll approvat għall-marda tal-iscrapie;]

([2]) *jew* [II.2.8.1 l-annimali huma maħsuba għat-tgħammir u huma ddestinati għal Stat Membru minbarra dawk bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvati skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew minbarra dawk li huma elenkati fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandhom programm nazzjonali ta' kontroll approvat għall-marda tal-iscrapie, u:

([2]) *jew* [ġejjin minn ażjenda(i) agrikola(i) li kkonformat(w) mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1.3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

([2]) *jew* [huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prijonika ARR/ARR u ġejjin minn ażjendi agrikoli fejn fl-aħħar sentejn ma tkun ġiet imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali fuq il-moviment tagħhom minħabba il-BSE jew l-iscrapie klassika;]]

([2]) *jew* [II.2.8.1 l-annimali huma maħsuba għal Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli għall-marda tal-iscrapie klassika approvati skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew għal Stat Membru elenkat fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandu programm nazzjonali ta' kontroll approvat għall-marda tal-iscrapie, u:

([2]) *jew* [ġejjin minn ażjenda(i) agrikola(i) li kkonformat(w) mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

([2]) *jew* [huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prijonika ARR/ARR u ġejjin minn ażjendi agrikoli fejn fl-aħħar sentejn ma tkun ġiet imposta l-ebda restrizzjoni uffiċjali fuq il-moviment tagħhom minħabba il-BSE jew l-iscrapie klassika;]]

II.2.9. huma/kienu ([2]) mibgħuta mill-ażjenda/i agrikola/i tal-oriġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq,

([2]) *jew* [direttament lejn l-Unjoni,]

([2]) *jew* [lejn iċ-ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1,]

u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u

(b) ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe marda msemmija fil-punt II.2.1.;

II.2.10. kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;

II.2.11. ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.12. tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil-..... (jj/xx/ssss) ([8]) fil-mezzi tat-trasport, deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 li tnaddfu u kienu diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jistgħux inixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.

PAJJIŻ **Mudell OVI-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3. Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali ovini domestiċi (*Ovis aries*) u annimali kaprini domestiċi (*Capra hircus*) ħajjin maħsuba għat-tgħammir jew għall-produzzjoni.

Wara l-importazzjoni l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn l-ażjenda tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ċaqliq ieħor barra mill-ażjenda, ħlief f'każ li jintbagħtu lejn biċċerija.

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8.: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.13.: Jekk ikun hemm ċentru ta' raggruppament, dan għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.15.: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.

— Kaxxa ta' referenza I.19.: Uża l-kodiċi HS xieraq: 01.04.10 jew 01.04.20.

— Kaxxa ta' referenza I.23.: Fil-każ ta' kontejners jew kaxxi, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Kaxxa ta' referenza I.28.: *Is-sistema ta' identifikazzjoni:* L-annimali għandu jkollhom:

Numru individwali li jippermetti t-traċċar tal-ażjenda tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal tikketta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.

Lametta mal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.

Speċijiet: Agħżel fost '*Ovis aries*' u '*Capra hircus*' skont il-każ.

Età: (xhur).

Sess: (M = maskili, F = femminili, C = kastrati).

Parti II:

([1]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) Biss għal territorju li jkollu l-annotazzjoni '**V**' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([4]) In-numru rappreżentattiv ta' annimali li għandhom jiġu ttestjati għall-bruċelloża għal kullażjenda agrikola għandu jikkonsisti minn:

l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, li ma tlaqqmux kontra l-bruċelloża, li għandhom iktar minn sitt-xhur,

l-annimali maskili kollha mhux ikkastrati, imlaqqma kontra l-bruċelloża, li għandhom iktar minn 18-il xahar,

l-annimali kollha miġjuba fl-ażjenda agrikola wara l-aħħar testijiet, u

25 % tal-annimali femminili li huma sesswalment maturi, b'minimu ta' 50 mara.

([5]) Din trid timtela meta d-destinazzjoni tkun Stat Membru jew parti minn Stat Membru elenkat f'wieħed mill-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE.

([6]) Skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

Meta tkun involuta iktar minnażjenda agrikola tal-oriġini waħda, id-data tal-aktar test reċenti f'kullażjenda agrikola għandha tiġi indikata b'mod ċar.

PAJJIŻ **Mudell OVI-X**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([7]) Il-garanziji supplimentari li għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ fil-kolonna 5 'GS' tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni '**A**'. It-testijiet għall-bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([8]) Data tat-tagħbija. Ma għandhomx ikunu permessi l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-pajjiż terz, mit-territorju jew minn parti minnu kif msemmi fil-Kaxxi I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.

([9]) Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.)

([10]) Għal territorju li jkollu l-annotazzjoni '**XIII**' biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li tindika status uffiċjali staġjonalment ħieles mill-bluetongue. Skont il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, il-perjodu staġjonalment ħieles huwa meħud li jieqaf immedjatament jekk id-dejta klimatika attwali jew id-dejta mill-programm ta' sorveljanza tindika rekrudexxenza kmieni tal-attività ta' Culicoides adulti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:"

Timbru:

(iv) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju OVI-Y jinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Mudell OVI-Y**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.		
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.			I.6.			
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.12.			
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq			
I.15. Mezz ta' transport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji				I.16. BIP tad-dħul fl-UE			
				I.17.			
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS):			
				I.20. Kwantità			
I.21.				I.22. Għadd ta' imballaġġi			

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner	I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Qatla ☐	
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti	

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess

PAJJIŻ **Mudell OVI-Y**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin minn ażjendi li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloża, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn irziezet li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2. ma rċevewx:

— xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi,

— xi sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva 96/22/KE);

II.2. Attestazjoni tas-Saħħa tal-Annimali:

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: ..... ([1]) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

([2]) *jew* [(a) ilu ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar]

([2]) *jew* [(a) ilu meqjus ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ..... (jj/xx/ssss), mingħajr ma kellu każijiet/tifqigħat wara dik id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' ..... (jj/xx/ssss)]

(b) kien ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mir-Rift valley fever, mill-peste des petits ruminants, mill-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropulmonite tal-annimali kaprini li tittieħed u mill-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,

(c) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard imsemmi fil-punti (a) u (b) u l-importazzjonijiet ta' bhejjem domestiċi bid-difer mifrud mlaqqma kontra dan il-mard mhumiex permessi;

([2]) *jew* [(d) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]

([2]) *jew* [(d) ma ilux ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali tlaqqmu b'vaċċin inattivat, mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kontra s-serotip/i tal-bluetongue kollha … (daħħal is-serotip/i) li huma dawk preżenti fil-popolazzjoni tas-sors kif muri permezz ta' programm ta' sorveljanza ([5]) f'żona b'raġġ ta' 150 km madwar l-ażjenda/i tal-oriġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11., u l-annimali għadhom fil-perjodu ta' immunità garantita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;]

([2]) ([3]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles, mit-twelid jew għal mill-anqas 60 jum qabel id-dispaċċ;]

([2]) ([3]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 28 jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-OIE għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue, imwettaq tal-anqas 28 jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

([2]) ([3]) *jew* [(d) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 14-il jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test PCR għall-virus tal-bluetongue skont il-Manwal tal-OIE, imwettaq tal-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

II.2.2. dawn baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew għal mill-inqas dawn l-aħħar tliet xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u bla ma ġewx f'kuntatt, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati fl-aħħar 30 jum;

II.2.3. baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għal 40 jum qabel ma ntbagħtu, fl-azjenda/i deskritta(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11:

(a) fejn fiha/om u madwarha/om, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda epiżotika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u

(b) fejn fiha/om u madwarha/om, f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tar-rinderpest, tad-deni Rift valley, tal-bluetongue, tal-peste des petits ruminants, tal-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, tal-plewropnewmonja tal-annimali kaprini li tittieħed u tal-istomatite vesikulari matul l-40 jum ta' qabel;

PAJJIŻ **Mudell OVI-Y**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.4. mhumiex annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1.(a) u (b);

II.2.5. huma/kienu ([2]) mibgħuta mill-ażjenda/i agrikola/i tal-oriġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq,

([2]) *jew* [direttament lejn l-Unjoni,]

([2]) *jew* [lejn iċ-ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1,]

u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u

(b) ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe marda msemmija fil-punt II.2.1.;

II.2.6. inżammu kontinwament mit-twelid fil-pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iscrapie klassika trid tiġi notifikata b'mod obbligatorju;

(b) hemm stabbilita sistema ta' għarfien, sorveljanza u monitoraġġ tal-iscrapie klassika;

(c) l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jiġu meqruda kompletament;

(d) l-għalf lill-annimali ovini u kaprini ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qrieqeċ li joriġinaw minn ruminanti huwa pprojbit u l-projbizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin;

II.2.7. kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;

II.2.8. ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.9. tgħabbew għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fil-..... (jj/xx/ssss) ([4]) fil-mezzi tat-trasport, deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 li tnaddfu u kienu diżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u li huma mibnija b'tali mod li l-feċi, l-urina, l-imfierex jew l-għalf ma jistgħux inixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner waqt it-trasport.

II.3. Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew ittrattati qabel u waqt it-tagħbija skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.

Noti

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal annimali ovini domestiċi (*Ovis aries*) u annimali kaprini domestiċi (*Capra hircus*) ħajjin maħsuba għat-tbiċċir immedjat wara l-importazzjoni.

Wara l-importazzjoni, l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni biex hemmhekk jinqatlu fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.13: Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk ikun hemm, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi HS xieraq: 01.04.10 jew 01.04.20.

PAJJIŻ **Mudell OVI-Y**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa ta' referenza I.23.: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Kaxxa ta' referenza I.28: Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimali għandu jkollhom:

Numru individwali li jippermetti t-traċċar tal-ażjenda tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal tikketta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder) u l-post anatomiku użat fuq l-annimal.

Lametta mal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż esportatur. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.

Speċijiet: Agħżel fost '*Ovis aries*' u '*Capra hircus*' skont il-każ.

Età: xhur.

Sess: (M = maskili, F = femminili, C = kastrati).

Parti II:

([1]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) Għal territorju li jkollu l-annotazzjoni '**XIII**' biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li tindika status uffiċjali staġjonalment ħieles mill-bluetongue. Skont il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, il-perjodu staġjonalment ħieles huwa meħud li jieqaf immedjatament jekk id-dejta klimatika attwali jew id-dejta mill-programm ta' sorveljanza tindika rekrudexxenza kmieni tal-attività ta' Culicoides adulti.

([4]) Data tat-tagħbija. Ma għandhomx ikunu permessi l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-pajjiż terz, mit-territorju jew minn parti minnu kif msemmi fil-Kaxxi ta' referenza I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.

([5]) Programm ta' sorveljanza kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37).

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:"

Timbru:

(v) il-Mudell taċ-ċertifikat veterinarju RUM jinbidel b'dan li ġej:

"**Il-Mudell RUM**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.		
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali			
			I.4. Awtorità kompetenti lokali			
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.			I.6.			
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.12.			
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq			
I.15. Mezz ta' transport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji				I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17. Nru/nri tas-CITES			
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS):			
				I.20. Kwantità			
I.21.				I.22. Għadd ta' imballaġġi			

I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontejner	I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Tgħammir ☐ Tismin ☐ Qatla ☐	
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Sistema tal-identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess

PAJJIŻ **Mudell RUM**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1 Attestazzjoni tas-Saħħa Pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1. ġejjin minnażjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi u t-tuberkolożi, għall-aħħar 30 jum fil-każ tal-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minnażjendi agrikoli li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2. ma rċevewx:

— xi sustanzi stilbeni jew tirostatiċi,

— xi sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β-agonisti għal skopijiet li mhumiex trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva 96/22/KE);

II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. ġejjin mit-territorju bil-kodiċi: ..... ([1]) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) kien ħieles għal 24 xahar mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, għal 12-il xahar mir-rinderpest, mid-deni ta' Rift valley, mill-plewropulmonite bovina kontaġġuża, mil-lumpy skin disease, mill-peste des petits ruminants, mill-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, mill-plewropulmonite tal-kaprini kontaġġuża u mill-marda epiżootika emorraġika u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari,

(b) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma ngħata l-ebda vaċċin kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, ir-rinderpest, id-deni Rift valley, il-plewropnewmonja bovina li tittieħed, il-marda tal-imfafet tal-ġilda, il-peste des petits ruminants, il-ġidri tan-ngħaġ u tal-mogħoż, il-plewropnewmonja tal-kaprini li tittieħed u l-marda epiżootika emorraġika u għall-aħħar 24 xahar ma ngħata l-ebda vaċċin kontra l-bluetongue u l-importazzjonijiet ta' annimali bid-difer mifrud imlaqqma kontra dan il-mard ma kinux permessi;

([2]) *jew* [(c) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar;]

([2]) ([6]) *jew* [(c) ilu ħieles mill-bluetongue għal 24 xahar, u l-annimali rreaġixxew negattivament għal test seroloġiku għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżotika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ..... (jj/xx/ssss) u fi ..... (jj/xx/ssss), fejn t-tieni kampjun għandu jkun ittieħed fil-perjodu ta' għaxart ijiem qabel l-esportazzjoni;]

([2]) ([9]) *jew* [(c) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles, mit-twelid jew għal mill-anqas 60 jum qabel id-dispaċċ;]

([2]) ([9]) *jew* [(c) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 28 jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-OIE għad-detezzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue, imwettaq tal-anqas 28 jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

([2]) ([9]) *jew* [(c) huwa staġjonalment ħieles mill-bluetongue u l-annimali nżammu fit-territorju staġjonalment ħieles matul il-perjodu staġjonalment ħieles għal mill-inqas 14-il jum qabel id-dispaċċ, u rreaġixxa negattivament għal test PCR għall-virus tal-bluetongue skont il-Manwal tal-OIE, imwettaq tal-anqas 14-il jum wara l-bidu tal-perjodu ta' residenza;]

II.2.2. huma baqgħu

([2]) *jew* [fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 sa mit-twelid, jew għal mill-inqas sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni u mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' annimali bid-difer mifruq impurtati f'dan it-territorju inqas minn sitt xhur ilu;]

PAJJIŻ **Mudell RUM**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(2) *jew* [fil-pajjiż fejn intbagħtu għal mill-inqas 60 jum mid-dħul, jekk dawn huma annimali tal-ispeċi rilevanti elenkati fil-Parti 7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u dawn kienu impurtati direttament skont il-kundizzjonijiet speċifikati għal kull speċi fil-Parti 7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 minn pajjiż terz matul perjodu ta' inqas minn sitt xhur qabel l-imbarkazzjoni lejn l-Unjoni, u fi kwalunkwe każ dawn ikunu nfirdu minn annimali oħra li mhumiex tal-istess stat ta' saħħa wara li nħarġu mill-pajjiż li qed jesporta u qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni (3);]

II.2.3. baqgħu minn twelidhom jew mill-inqas għal 40 jum qabel id-dispaċċ, fl-ażjenda/stabbiliment agrikola/u (2) deskritti fil-kaxxi ta' referenza I.11. u I.13.:

(a) fejn fiha/om u madwarha/om, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tfaqqigħ ta' bluetongue u tal-marda epiżootika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u

(b) fejn fiha/om, u madwarha/om f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-mard l-ieħor imsemmi fil-punt II.2.1 matul l-40 jum ta' qabel;

II.2.4. mhumiex annimali li se jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1, u huma:

(2) (4) *jew* [ġejjin minn merħla li hija magħrufa bħala ħielsa uffiċjalment mit-tuberkulożi; u]

(2) (5) *jew* [ġew suġġetti għal test intradermali għat-tuberkulina fl-aħħar 30 jum b'riżultati negattivi, u]

ma tlaqqmux kontra l-bruċelloża u:

(2) (4) *jew* [ġejjin minn merħla li hija magħrufa bħala ħielsa uffiċjalment mill-bruċelloża;]

(2) (5) *jew* [kienu suġġetti għal test tal-agglutinazzjoni tas-serum li wera ammont ta' bruċella ta' inqas minn 30 IU ta' agglutinazzjoni għal kull ml, fl-aħħar 30 jum;]

(2) *jew* [huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età;]

II.2.5. safejn naf jien u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, l-annimali:

(a) mhumiex ġejjin minnażjendi/stabbilimenti agrikoli (2), u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minnażjendi/stabbilimenti agrikoli, li fihom instabu s-sinjali kliniċi ta' dan il-mard li ġej:

(i) agalactia kontaġġjuża tan-nagħaġ jew tal-mogħoż ("kolonja kbira" ta' *Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides* var. *mycoides*), fl-aħħar sitt xhur,

(ii) il-paratuberkuloż u l-limfadeniti ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,

(iii) adenomatożi pulmonarja, fl-aħħar tliet snin, u

(iv) Maedi/Visna jew artrite/enċefalite virali kaprina:

(2) *jew* [matul dawn l-aħħar tliet snin,]

(2) *jew* [fl-aħħar 12-il xahar, u l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien baqa', sussegwentement irreaġixxew negattivament għaż-żewġ testijiet li sarulhom b'intervall ta' mill-inqas sitt xhur bejniethom,]

(b) huma inklużi f'sistema uffiċjali għan-notifikazzjoni ta' dan il-mard, u

(c) kienu ħielsa minn evidenza klinika jew evidenza oħra ta' tuberkuloż u bruċelloż matul it-tliet snin ta' qabel l-esportazzjoni;

II.2.6. intbagħtu mill-ażjenda/stabbiliment agrikola/u deskritti fil-kaxxi ta' referenza I.11 u I.13 direttament lejn l-Unjoni u, sakemm intbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi mal-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritti f'dan iċ-ċertifikat, u

(b) ma kienu fl-ebda post fejn fih, jew madwaru, f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel, kien hemm każ/tifqigħa ta' kwalunkwe marda msemmija fil-punt II.2.1.;

PAYS **Modèle RUM**

II. Information sanitaire	II.a. Numéro de référence du certificat	II.b.

II.2.7. ils ont été chargés dans des moyens de transport ou conteneurs ayant tous été nettoyés et désinfectés au préalable avec un désinfectant officiellement autorisé;

II.2.8. ils ont été examinés par un vétérinaire officiel au cours des vingt-quatre heures qui ont précédé le chargement et ne présentaient aucun signe clinique de maladie;

II.2.9. ils ont été chargés pour être expédiés vers l'Union le ..... (jj/mm/aaaa) ([7]) dans les moyens de transport précisés dans la case I.15, qui ont été nettoyés et désinfectés au préalable avec un désinfectant officiellement autorisé et conçus de telle sorte que les fèces, l'urine, la litière ou le fourrage ne puissent s'écouler ou tomber du véhicule ou du conteneur pendant le transport.

II.3. Attestation de transport des animaux

Je soussigné, vétérinaire officiel, certifie que les animaux décrits ci-dessus ont été traités, avant et pendant leur chargement, conformément aux dispositions prévues en la matière par le règlement (CE) n° 1/2005, notamment en ce qui concerne leur abreuvement et leur alimentation, et qu'ils sont aptes au transport prévu.

([2]) ([8]) **[II.4. Exigences particulières**

II.4.1. Il ressort d'informations officielles qu'aucune trace clinique ou pathologique de la rhinotrachéite infectieuse bovine (RIB) n'a été relevée dans l'exploitation/l'établissement ([2]) d'origine visé(e) dans les cases I.11 et I.13 au cours des douze derniers

II.4.2. Les animaux visés dans la case I.28:

a) ont été isolés dans des locaux agréés par l'autorité compétente pendant les trente jours qui ont précédé leur expédition en vue de l'exportation, et

b) ont été soumis à une épreuve sérologique visant à détecter la RIB, effectuée sur des sérums prélevés au moins vingt et un jours après le début de la période d'isolement et dont les résultats se sont révélés négatifs; tous les animaux isolés ont aussi présenté des résultats négatifs à ce test, et

c) n'ont pas été vaccinés contre la RIB;

([2]) [II.4.3. ..... (conditions et/ou tests supplémentaires) .....]]

Notes

Le présent certificat concerne des animaux vivants appartenant à l'ordre Artiodactyla [à l'exception des bovins (comprenant les espèces des genres *Bubalus* et *Bison* ainsi que leurs hybrides), d'*Ovis aries*, de *Capra hircus* et des Suidae et Tayassuidae], et aux familles Rhinocerotidae et Elephantidae. Utiliser un certificat par espèce.

Après leur importation, les animaux doivent être amenés sans délai à l'exploitation de destination, où ils séjournent pendant une période minimale de trente jours avant de pouvoir être déplacés en dehors de l'exploitation, sauf en cas d'acheminement vers

Partie I

— Case I.8: indiquer le code du territoire tel qu'il apparaît à l'annexe I, partie 1, du règlement (UE) n° 206/2010.

— Case I.13: le centre de rassemblement, s'il y en a un, doit satisfaire aux conditions d'agrément énoncées à l'annexe I, partie 5, du règlement (UE) n° 206/2010.

— Case I.15: indiquer le numéro d'enregistrement ou d'immatriculation (wagon ou conteneur et camion), le numéro de vol (avion) ou le nom (navire). En cas de déchargement et de rechargement, l'expéditeur doit informer le PIF d'entrée dans l'Union.

— Case I.19: utiliser le code SH approprié: 01.02, 01.04.10, 01.04.20 ou 01.06.19.

— Case I.23: en ce qui concerne les conteneurs ou les boîtes, il convient d'indiquer le numéro du conteneur et, le cas échéant, celui des scellés.

PAJJIŻ **Mudell RUM**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa ta' referenza I.28.: Is-sistema ta' identifikazzjoni: Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (tikketta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder). It-tikketta tal-widnejn tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-esportazzjoni. In-numru individwali jrid jippermetti li jiġi traċċat il-post tal-oriġini tagħhom.

Età: xhur.

Sess: (M = maskili, F = femminili, C = kastrati).

Speċijiet: Agħżel l-ispeċi minn fost dawk elenkati għall-familji li ġejjin:

Antilocapridae: *Antilocapra* spp.;

Bovidae: *Addax* spp., *Aepyceros* spp., *Alcelaphus* spp., *Ammodorcas* spp., *Ammotragus* spp., *Antidorcas* spp., *Antilope* spp., *Boselaphus* spp., *Budorcas* spp., *Capra* spp. *(minbarra Capra hircus), Cephalophus* spp., *Connochaetes* spp., *Damaliscus* spp. *(inkluż Beatragus), Dorcatragus* spp., *Gazella* spp., *Hemitragus* spp., *Hippotragus* spp., *Kobus* spp., *Litocranius* spp., *Madoqua* spp., *Naemorhedus* spp. *(inklużi Nemorhaedus u Capricornis), Neotragus* spp., *Oreamnos* spp., *Oreotragus* spp., *Oryx* spp., *Ourebia* spp., *Ovibos* spp., *Ovis* spp. *(minbarra Ovis aries), Pantholops* spp., *Pelea* spp., *Procapra* spp., *Pseudois* spp., *Pseudoryx* spp., *Raphicerus* spp., *Redunca* spp., *Rupicapra* spp., *Saiga* spp., *Sigmoceros-Alecelaphus* spp., *Sylvicapra* spp., *Syncerus* spp., *Taurotragus* spp., *Tetracerus* spp., *Tragelaphus* spp. *(inkluż Boocerus).*

Camelidae: *Camelus* ssp, *Lama* ssp, *Vicugna* ssp.

Cervidae: *Alces* spp., *Axis-Hyelaphus* spp., *Blastocerus* spp., *Capreolus* spp., *Cervus-Rucervus* spp., *Dama* spp., *Elaphurus* spp., *Hippocamelus* spp., *Hydropotes* spp., *Mazama* spp., *Megamuntiacus* spp., *Muntiacus* spp., *Odocoileus* spp., *Ozotoceros* spp., *Pudu* spp., *Rangifer* spp.

Giraffidae: *Giraffa* spp., *Okapia* spp.

Hippopotamidae: *Hexaprotodon-Choeropsis* spp., *Hippopotamus* spp.

Moschidae: *Moschus* spp.

Tragulidae: *Hyemoschus* spp., *Tragulus-Moschiola* spp.,

Rhinocerotidae: *Ceratotherium* spp., *Dicerorhinus* spp., *Diceros* spp., *Rhinoceros* spp.

Elephantidae: *Elephas* spp., *Loxodonta* spp., skont il-każ.

Parti II:

([1]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) F'dan il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun akkumpanjat mid-dokument uffiċjali dwar il-kwarantina u l-kundizzjonijiet tat-test stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 (il-mudell 'CAM').

([4]) Ir-reġjuni jew il-merħliet ħielsa uffiċjalment mit-tuberkulożi/mill-bruċelloži rikonoxxuti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness A tad-Direttiva 64/432/KEE u li jidhru fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni '**VII**', fir-rigward tat-tuberkuloži, '**VIII**', fir-rigward tal-bruċelloži.

([5]) It-testijiet li saru skont il-protokolli li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010. Madankollu, għat-test tat-tuberkolina riżultat ta' żieda fil-ħxuna tat-tiwi tal-ġilda ta' 2 mm jew iktar, jew sinjali kliniċi bħalma huma edema, tnixxija ta' għaraq, nekrosi, uġigħ u/jew infjammazzjoni għandu jitqies bħala pożittiv.

([6]) Il-garanziji supplimentari li għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ fil-kolonna 5 'GS' tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, bl-annotazzjoni '**A**'. It-testijiet għall-bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika skont il-Parti 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PAJJIŻ **Mudell RUM**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([7]) Data tat-tagħbija. Ma għandhomx ikunu permessi l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali meta l-annimali jkunu tgħabbew jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-pajjiż terz, mit-territorju jew minn parti minnu kif msemmi fil-Kaxxi ta' referenza I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan il-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu.

([8]) Meta rikjest mill-Istat Membru tal-UE tad-destinazzjoni.

([9]) Għal territorju li jkollu l-annotazzjoni '**XIII**' biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li tindika status uffiċjali staġjonalment ħieles mill-bluetongue. Skont il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, il-perjodu staġjonalment ħieles huwa meħud li jieqaf immedjatament jekk id-dejta klimatika attwali jew id-dejta mill-programm ta' sorveljanza tindika rekrudexxenza kmieni tal-attività ta' Culicoides adulti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:"

Timbru:

(2) Il-Parti 1 tal-Anness II qed tiġi emendata kif ġej:

(a) L-annotazzjoni għall-Bożnija-Ħerzegovina tinbidel b'dan li ġej:

"BA — Il-Bożnija-Ħerzegovina ([8])	BA-0	Il-pajjiż kollu	BOV"				

(b) Tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja:

"([8]) Għat-tranżitu ta' kunsinni ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi li jgħaddu mill-Bulgarija lejn it-Turkija biss."

(c) l-annotazzjoni għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tinbidel b'dan li ġej:

"MK — L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([4])	MK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU"				